**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il- Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Alan Caruana detentur tal-Karta tal-Identita` numru 293179M**

**Ruth Borda detentrici tal-Karta ta' l-Identita` numru 190783M**

Kump. Nru. 254/2016

Illum 25 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alan Caruana u Ruth Borda talli:

1. Nhar il-11 ta' Mejju, 2016, bejn nofsinhar u il-kwarta ta' wara nofsinhar (1200hrs – 1215hrs), ġewwa Triq il-Qaliet, Marsascala; ikkomettew serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla *Peugeot* tip *406* bin-numru tar-reġistrazzjoni *ZEP406* għad-detriment ta' Joseph Schembri, liema serq hu aggravat bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija w disa' u għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u natura tal-ħaġa misruqa;

2. fl-istess lok, data, ħin u ċirkustanzi ikkomettew serq ta' computer tal-għamla *Apple* tip *Mac Book Pro* għad-detriment ta' Darryl Schembri, liema serq hu aggravat bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija w disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) u natura tal-ħaġa misruqa;

3. fl-istess lok, data ħin u ċirkustanzi kkomettew serq ta' kamera tar-ritratti tal-għamla *Cannon* tip *EOS 60D* għad-detriment ta' Darryl Schembri, liema serq hu aggravat bil-valur li jeċċedi mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) imma ma jiskorriex l-elfejn tlett mija w disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u natura tal-ħaġa misruqa;

4. fl-istess lok, data, ħin u ċirkustanzi kkomettew serq ta' *mobile phone* tal-għamla *Apple* tip *iPhone* għad-detriment ta' Darryl Schembri, li ma jeċċediex il-mitejn tnejn u tlettin Ewro, u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda aggravat bin-natura tal-ħaġa misruqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputati bħala reċedivi u dan wara li ngħataw diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jiġu mibdula bi ksur tal-Art 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qeghdin jinstabu hatja dwarhom l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni u l-fedina penali taghhom. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li r-*res furtiva* giet ritornata fl-intjier taghha lill-parte leza. Oltre' dan il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni ukoll li l-imputati ghandhom il-vizzju tad-droga u wettqu dawn ir-reati precizament sabiex issibu *'short-cut'* biex jiddahhlu jaghmlu programm ta' rijabiltazzjoni wara li l-isforzi taghhom sabiex jiddahhlu f'tali programm ma rnexxewx. Tali fatt zgur li ma jistax jigi injorat minn din il-Qorti fejn persuni jispiccaw f'sitwazzjoni daqshekk meskina u ddisprata fejn jigu kostretti jikkomettu reati bil-ghan ahhari li jeghlbu l-vizzju li kien fniehom.

Billi jirrizulta li l-imputati huma recedivi a tenur ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap IX ta' l-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti tqis li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva fuqhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(c)(g), 267, 271, 279, 280(1) 289, 337(2) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal sentejn prigunerija effettiva.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghataw l-ghajnuna kollha mehtiega kemm biex jeghlbu l-vizzju tad-droga.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputati jinghataw **minnufih** l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghlbu il-vizzju tad-droga, inkluz li jsegwu programm ta' riabilitazzjoni waqt li qed jiskontaw l-piena moghtija lilhom.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**